Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/17*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 17 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 09 ta' Mejju, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-16

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Ittra ta' Direzzjoni 2013

Il-Kunsill iddiskuta l-ittra ta' direzzjoni 2013 u qabel li għandu jibgħat ir-risposta dwar il-punti kollha imsemmija mill-Uditur.

## 4. Attivitajiet matul il-jiem tal-Festa

Għal darb'oħra l-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati matul il-jiem tal-Festa. Kif diskuss fl-aħħar laqgħa qed isiru l-preparamenti biex jiġu organizzati l-logħob għal kull eta' u t-tiġrijiet taż-żwiemel.

## 5. Attivita – L-Għasri jiċċelebra l-Arti

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-preparamenti li qed isiru biex issir l-attivita L-Għasri jiċċelebra l-Arti, Avveniment ta' Mużika, Letteratura u Arti Viżiva. L-attivita se tkun is-Sibt 31 ta' Mejju mid-8.45pm 'l quddiem u l-Ħadd l-1 ta' Ġunju mill-10.30am 'l quddiem. Is-Sindku qal li s-Sibt se jkun hemm Brass Band lokali li se tkun immexxija mis-Surmast Antoine Mercieca. Se jkun hemm ukoll ikel tradizzjonali u grupp folkloristiku. Il-Ħadd ser issir l-attivita fejn jiġi inawgurat u ippreżentat l-Innu l-Kbir f'Ġieħ Kristu Ewkaristiku Salvatur mill-Kunsill Lokali lill-

Parroċċa ta' L-Għasri. Is-Sindku qal li huwa qed jikkordina dawn l-attivitajiet flimkien mal-Kor Lauda Sion u l-Kumitat tal-Armar tal-Festa. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol kollu meħtieġ biex dawn l-attivitajiet ikunu suċċess. Is-Sindku qal ukoll li l-attivita tal-Ħadd ser issir taħt il-patroċinju tal-Ministru Għal Għawdex l-Onor. Dr Anton Refalo.

## 6. Kwotazzjoni – Xiri ta' Cold Asphalt

Fil-kaxxi tal-kwotazzjonijiet sal-ħin tal-egħluq intefgħu żewġ kwotazzjonijiet għal xiri ta' cold asphalt. Il-kwotazzjonijiet huma ta' Road Construction Co Ltd (€76.99) u ta' Gatt Tarmac Ltd (€69.00). Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn il-kwotazzjonijiet u qabel li għandu jagħżel l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża li hija ta' Gatt Tarmac Ltd. Għalhekk meta l-Kunsill ikun se jagħmel xogħol ta' patching ta' toroq il-cold asphalt se jibda jinxtara minn għand Gatt Tarmac Ltd.

## 7. Offerta – Għoti ta' wiċċ ġdid bil-konkos u xogħlijiet relatati fi Triq Gallina

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara li għandu interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni dwar l-offerta 'Għoti ta' wiċċ ġdid bil-konkos u xogħlijiet relatati fi Triq Gallina'.*

Fil-kaxxi tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu sitt offerti għal għoti ta' wiċċ ġdid bil-konkos u xogħlijiet oħra relatati fi Triq Gallina. L-Offerti huma ta' Peter Paul Said (€45,174.90), ta' Jason Gauci (€119,691.70), ta' Road Construction Co Ltd (€57,108.50), ta' Gatt Tarmac Ltd (€53,993.54), ta' Anthony Mintoff (€58,224.94) u ta' Vella Bros Ready Mix Ltd (€71,634.30).

Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta u qabel li għandu jaħtar Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti. Is-Sindku ippropona lis-Sur William Sultana, lill-Perit John Saliba u lin-Nutar Joel Grima sabiex ikunu l-membri ta' dan il-Bord. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser isiru l-kuntatti biex dan il-Bord ikun jista' jiltaqa' u issir l-evalwazzjoni ta' din l-offerta.

## 8. Korrispondenza

8.01 Memo 12/2014 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet Lifelong Learning 2014-15.

8.02 Memo 13/2014 – Kwestjonarju – Training Needs Analysis- il-membri kollha ingħataw kopja ta' dan il-kwestjonarju sabiex jimtela minn naħa tagħhom u jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

8.03 Memo 14/2014 – Mid Term Audit.

8.04 Paula Bugeja minn Allied Newspapers Ltd – informazzjoni dwar reklamar ta' attivitajiet fil-gazzetta Times of Malta.

8.05 Gail Gafa minn Ozone Centre – informazzjoni dwar linja tat-telefon Ozone. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru aktar informazzjoni minn għand min diġa għadda linja tat-telefon ma' Ozone u tittieħed deċiżjoni aktar tard.

8.06 L-Ing. Josephine Vella ta' l-Enemalta infurmat lill-Kunsill li l-lampa li tlabna biex teħel fuq ta' Francis Portelli fi Triq Wied Sara hija ġustifikata. Peress li hemm ħafna bogħod mill-eqreb lampa eżistenti l-Enemalta iridu jagħtu stima

tal-cable li jrid jgħaddi. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li Francis Portelli kien ġie ikelmu u qallu li l-lampa tista' teħel fuq arblu tal-Enemalta li hemm fi proprjeta tiegħu u b'hekk tkun aktar qrib tal-lampa eżistenti u ma jkunx hemm bżonn li titħallas għal-linja. Is-Sindku ippropona li l-ewwel għandna naraw jekk fejn qed jiġi suġġerit li teħel il-lampa hiex art ta' xi ħadd ieħor u b'hekk irid jinkiseb il-permess minn għand sid l-art ta' dawk l-inħawi. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jivverifika l-art ta' min hi u jekk is-sidien kollha humiex favur li teħel din il-lampa fuq l-arblu tal-Enemalta li jista' jkun li qiegħed fil-proprjeta tagħhom.

8.07 Il-Gozo Action Group informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni dwar Measure 413.4 – Landscaping ma kienitx ġiet aċċettata.

8.08 Is-Soċjeta Maltija tal-Ortikultura qed torganizza l-Wirja Annwali – The Great Spring Show. Huma ipproponew sabiex il-Kunsilli jesebixxu qoffa bi ħxejjex u frott jew arranġament ta' fjuri.

**9. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-17 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**10. Materja oħra**

10.01 Mary Camilleri ta' Triq il-Fanal talbet biex isir manutenzjoni tal-bankina tagħha billi isir ftit siment. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tal-Kunsill.

10.02 Is-Sindku ippropona li niktbu ittra uffiċċjali lill-Greenmt dwar il-fatt li mhux qed iħallas l-administration fee lill-Kunsill dwar l-iskema ta' ġbir ta' skart riċiklabbli. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

10.03 Lisa Mintoff ta' Triq Għammar talbet biex titranġa r-rampa tal-post Nru 7 fi Triq Għammar. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol meħtieġ isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

10.04 Joe Saliba miż-Żebbuġ talab li jinbena l-ħajt fi Triq tal-Kanun peress li waqa' u qiegħed perikoluż. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-ħaddiema tal-Ministeru sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

10.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Toni Calleja kien kelmu dwar materjal li huwa għandu biex jikteb ktieb infurmattiv dwar ir-raħal ta' L-Għasri. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin mill-aħjar li jista' biex jiġi ippubblikat dan il-ktieb.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.15p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |